

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-14 ta' Novembru 2014****li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/470/UE u 2010/472/UE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma marbuta mal-iscriapie għall-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina***(notifikata bid-dokument C(2014) 8339)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/802/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet inċiż tal-Artikolu 11(3), l-Artikolu 17(2)(b), l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1), u l-frażi introduttorja u l-punt (b) tal-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE <sup>(2)</sup> tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni f'kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina miġbura jew maħluqa wara l-31 ta' Awwissu 2010.
- (2) Il-Parti 2 tal-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE <sup>(3)</sup> tistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ovina u kaprina.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (TSEs) f'annimali bovini, ovini u kaprini. Il-Kapitolu A tal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal kummerċ fl-Unjoni ta' annimali ħajjin, semen u embrijuni. Barra minn hekk, l-Anness IX ta' dak ir-Regolament jistipula l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' annimali ħajjin, embrijuni, ova u prodotti li joriġinaw minn annimali minn pajjiżi terzi.
- (4) Fid-dawl ta' evidenza xjentifika ġdida, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 <sup>(5)</sup>. Dawk l-emendi, fir-rigward tal-iscriapie, ġew riflessi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/470/UE <sup>(6)</sup> fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina stipulat fil-Parti A tal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/470/UE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina stipulat fil-Parti 2 tal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/472/UE, b'perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2014.

<sup>(1)</sup> ĠUL 268, 14.9.1992, p. 54.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 li tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina (ĠUL 228, 31.8.2010, p. 15).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni (ĠUL 228, 31.8.2010, p. 74).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠUL 147, 31.5.2001, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Annessi għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠUL 179, 29.6.2013, p. 60).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/470/UE tal-20 ta' Settembru 2013 li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/470/UE u 2010/472/UE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma marbuta għall-iscriapie għall-kummerċ fl-Unjoni u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina (ĠUL 252, 24.9.2013, p. 32).

- (5) Skont opinjoni xjentifika dwar ir-riskju ta' trażmissjoni tal-iscriapie klassika permezz ta' trasferiment ta' embrijuni miksuba *in vivo* fl-annimali ovini tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel (EFSA) adottata fl-24 ta' Jannar 2013, fejn ġie konkluż li r-riskju ta' trażmissjoni tal-iscriapie klassika bl-impjantazzjoni ta' embrijuni ARR ta' ovini omozigoti jew eterozigoti jistgħu jitqiesu negliġibbli, sakemm jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet OIE u l-proċeduri dwar trasferiment ta' embrijuni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 ġew emendati bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1148/2014 <sup>(1)</sup>.
- (6) Il-mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni f'kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina stipulati fil-Parti A tal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/470/UE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina stipulati fil-Parti 2 tal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/472/UE għandhom għalhekk jiġu emendati sabiex jirriflettu r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1148/2014.
- (7) Barra minn hekk, fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina stipulati fil-Parti A tal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/470/UE, ċerti referenzi għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jeħtieġ li jiġu emendati sabiex titneħħa kull ambigwiżità.
- (8) Barra minn hekk, fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina stipulati fil-Parti 2 tal-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/472/UE, hemm hteġġa li jiġi inkluż kliem iktar preċiż biex jiġi żgurat fehim ċar li r-reġimi tal-ittejtjar li jirreferu għall-marda emorraġika epizootika (EHD) japplikaw għad-donaturi femminili ta' speċijiet ovina jew kaprina.
- (9) Id-Deċiżjonijiet 2010/470/UE u 2010/472/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/470/UE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/472/UE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1148/2014 tat-28 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Annessi II, VII, VIII, IX u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabblixi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 308, 29.10.2014, p. 66).

## ANNEX I

Fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/470/UE, il-Parti A tinbidel b'dan li ġej:

## "PARTI A

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IVA għall-kummerċ fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ova u embrijuni ta' animali tal-ispeċi ovini u kaprini miġbura jew prodotti skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u miġbura minn tim approvat tal-ġbir jew tal-produzzjoni tal-embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni

## L-UNJONI EWROPEA

## Ċertifikat għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata	I.1. Speditur Isem Indirizz  Kodiċi postali		I.2. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	I.2.a. Numru ta' referenza lokali				
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz  Kodiċi postali		I.6.					
			I.7.					
	I.8. Pajjiż tal- oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun tal- oriġini	Kodiċi	I.10. Pajjiż tad- destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun tad- destinazzjoni	Kodi- ċi
	I.12. Post tal-oriġini Tim embrijoniku <input type="checkbox"/>		I.13. Post tad-destinazzjoni Stabbiliment <input type="checkbox"/>		Tim embrijoniku <input type="checkbox"/>			
	Isem Indirizz  Kodiċi postali		Numru tal-Approvazzjoni		Isem Indirizz  Kodiċi postali		Numru tal-Approvazzjoni	
	I.14.		I.15.					
	I.16. Mezz tat-trasport  Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni		I.17.					
	I.18. Deskrizzjoni tal-pro			I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi NM) <b>05 11 99 85</b>		I.20. Kwantità		
	I.21. Temperatura tal-prodotti Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessaħ <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>			I.22. Għadd ta' pakketti				
	I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur			I.24. Tip ta' imballaġġ				
	I.25. Prodotti ċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali <input type="checkbox"/>			I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz <input type="checkbox"/>		I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri <input type="checkbox"/>		
Pajjiż terz		Kodiċi ISO	Stat Membru		Kodiċi ISO			
Punt tal-ħruġ		Kodiċi	Stat Membru		Kodiċi ISO			
Punt tad-dħul		Numru tal-BIP	Stat Membru		Kodiċi ISO			
I.28. Esportazzjoni <input type="checkbox"/>		I.29.						
Pajjiż terz		Kodiċi ISO						
Punt tal-ħruġ		Kodiċi						
I.30.								
I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi Kategorija L-identità tad-donatur Id-data tal-ġbir In-numru tal-approvazzjoni tat-tim Kwantità (Isem xjentifiku)								

## L-UNJONI EWROPEA

## Ova/embrijuni tal-ovini u l-kapri – Parti A

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:			
Parti II: Ċertifikazzjoni	(1) jew	[II.1.	I-embrijuni derivati <i>in vivo</i> (1)/I-ova derivati <i>in vivo</i> (1) deskritti hawn fuq inġabru, ġew ipproċessati u maħżuna minn tim tal-ġbir tal-embrijuni (2) approvat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(III)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]
	(1) jew	[II.1.	I-embrijuni prodotti <i>in vitro</i> (1)/I-embrijuni mikromanipulati (1) deskritti hawn fuq ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna minn tim tal-produzzjonital-embrijuni (2) approvat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(III)(1) u (2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]
	(1) jew	[II.2.	I-embrijuni derivati <i>in vivo</i> deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]
	(1) jew	[II.2.	I-ova derivati <i>in vivo</i> deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]
	(1) jew	[II.2.	I-embrijuni prodotti <i>in vitro</i> deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(3) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]
	(1) jew	[II.2.	I-embrijuni mikromanipulati deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(4) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]
	(1) [II.3.	il-konsenja tikkonsisti minn embrijuni tal-ispeċi ovina jew kaprina li:	
	(1) jew	[inġabru minn annimali li jkunu nżammu kontinwament, mindu jkunu twieldu, fi stabbiliment jew stabbilimenti rikonoxxuti li għandhom riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' scrapie klassika skont il-punt 1 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]	
	(1) jew	[inġabru minn annimali li nżammu kontinwament, għal dawn l-aħħar tliet snin qabel il-ġbir, fi stabbiliment jew stabbilimenti li kienu konformi tul l-aħħar tliet snin qabel il-ġbir mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-punt 1.3 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]	
	(1) jew	[inġabru minn annimali li jkunu nżammu kontinwament, mindu jkunu twieldu, fi Stat Membru jew żona ta' Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli ta' scrapie klassika approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]	
	(1) jew	[inġabru minn annimali ovini u	
	(1) jew	[huma ta' ġenotip tal-proteina prionika ARR/ARR;]	
	(1) jew	[għandhom għalinqas allel ARR waħda u nġabru wara l-1 ta' Jannar 2015;]	
	II.4.	I-ova jew I-embrijuni deskritti hawn fuq ġew minn donatriċi femminili tal-ispeċi ovina (1)/kaprina (1) li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu IV(3) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;	
(1) jew	[II.5.	I-embrijuni deskritti hawn fuq tnisslu bħala riżultat tal-inseminazzjoni artifiċjali tad-donatriċi femminili b'semen li nġabret, ġiet prodotta, maħżuna u nġarret taħt kundizzjonijiet konformi mar-rekwiżiti tal-Kapitolu I(I), II(I) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]	
(1) jew	[II.5.	I-embrijuni deskritti hawn fuq tnisslu bħala riżultat ta' fertilizzazzjoni <i>in vitro</i> ta' ova konformi mal-kundizzjonijiet fil-Kapitolu III(II)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE b'semen li nġabret, ġiet prodotta, maħżuna u nġarret skont kundizzjonijiet konformi mar-rekwiżiti tal-Kapitolu I(I), II(I) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]	
(1) jew	[II.5.	I-ova ma ġewx f'kontatt ma' semen tal-ispeċi ovini u kapri;]	
	II.6.	I-ova jew I-embrijuni deskritti hawn fuq intbagħtu lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 6 tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.	
<b>Noti</b>			
<b>Parti I:</b>			
Kaxxa I.12:	Il-post tal-oriġini għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim tal-produzzjoni tal-ġbir/kollezzjoni tal-emb.		
Kaxxa I.12:	Il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni, mat-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni jew mal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-ova/I-embrijuni.		

**L-UNJONI EWROPEA****Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini – Parti A**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>Kaxxa I.23: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.</p> <p>Kaxxa I.31: <i>Kategorija</i>: tispeċifika jekk: embrijuni derivati <i>in vivo</i>, ova derivati <i>in vivo</i>, embrijuni prodotti <i>in vitro</i> jew embrijuni mikromanipulati.</p> <p><i>L-identità tad-donatur</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.</p> <p><i>Id-data tal-ġbir</i> għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.</p> <p>In-numru tal-approvazzjoni tat-tim għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni tal-ġbir/kollezzjoni tal-ova/embrijuni.</p> <p><b>Parti II:</b></p> <p>(<sup>1</sup>) Fassar kif xieraq.</p> <p>(<sup>2</sup>) It-tims approvati ta' ġbir jew ta' produzzjoni tal-embrijuni biss li huma elenkati skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni:</p> <p><a href="http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm</a>.</p> <p>— Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.</p>		
<p>Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kbar):</p> <p>Unità veterinarja lokali:</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:"</p> <p>Kwalifika u titolu:</p> <p>Numru tal-UVL:</p> <p>Firma:</p>		

## ANNEX II

Fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2010/472/UE, il-Parti 2 tinbidel b'dan li ġej:

## "PARTI 2

**Mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinni ta' ova u embrijuni ta' animali tal-ispeċi ovina u kaprina**

## PAJJIŻ:

## Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Speditur Isem Indirizz  Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.	
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali			
			I.4. Awtorità kompetenti lokali			
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz  Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE Isem Indirizz  Kodiċi postali Nru tat-Tel.			
	I.7. Pajjiż tal-oriġini		Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini		Kodiċi
				I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni		Kodiċi ISO
				I.10. Reġjun tad-destinazzjoni		Kodiċi
	I.11. Post tal-oriġini  Isem Indirizz Isem Indirizz Isem Indirizz		Numru tal-Approvazzjoni  Numru tal-Approvazzjoni  Numru tal-Approvazzjoni		I.12. Post tad-destinazzjoni  Isem Indirizz  Kodiċi postali	
	I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data tat-fluq	
	I.15. Mezz tat-trasport  Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji				I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE  I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Il-kodiċi tal-prodott (kodiċi CN) <b>05 11 99 85</b>		
				I.20. Kwantità		
I.21.				I.22. Għadd ta' pakketti		
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur				I.24.		
I.25. Prodotti ċertifikati għal:  Riproduzzjoni artifiċjali <input type="checkbox"/>						
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz <input type="checkbox"/>  Pajjiż terz      Kodiċi ISO				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>		
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti  Speċi      Kategorija      L-identità tad-donatur      Id-data tal-ġbir      Id-data tal-iffriżar      In-numru tal-approvazzjoni tat-tim Kwantità (Isem xjentifiku)						

## PAJJIŻ

## Ova/embrijuni tal-ovini u l-kapri

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:			
II.1.	Il-pajjiż esportatur ..... ( <i>isem il-pajjiż esportatur</i> ) <sup>(2)</sup>		
II.1.1.	kien ħieles mill-pesta bovina, il-peste des petits ruminants, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-plewropnewmonja tal-kapri li tittieħed u d-deni ta' Rift Valley matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq tagħhom lejn l-Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul dak il-perjodu;		
<sup>(1)</sup> jew	[II.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> u ma sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu;]		
<sup>(1)</sup> jew	[II.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> u/jew sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu u d-donaturi femminili ġew minn stabbilimenti fejn l-ebda annimal ma tlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel, u mill-inqas it-30 jum ta' wara l-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> u l-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> ma kinux suġġetti għall-penetrazzjoni fiż-żona pelluċida;]		
II.2.	L-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> għall-esportazzjoni:		
II.2.1.	inġabru <sup>(1)</sup> /ġew prodotti <sup>(1)</sup> u pproċessati fi stabbilimenti b'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza ta' marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-istomatite vesikulari, id-deni ta' Rift Valley fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom;		
II.2.2.	inħażnu f'kull ħin fi stabbilimenti approvati b'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-istomatite vesikulari jew id-deni ta' Rift Valley minn meta nġabru sa 30 jum wara;		
II.2.3.	inġabru <sup>(1)</sup> /ġew prodotti <sup>(1)</sup> mit-tim deskritt fil-Kaxxa I.11., li ġie approvat u sorveljat b'konformità mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni u s-supervizzjoni ta' gruppi tal-ġbir tal-embrijuni u gruppi tal-produzzjoni tal-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu I(III) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;		
II.2.4.	jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ova u l-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;		
II.2.5.	gejġin mid-donaturi femminili tal-ispeċi ovina <sup>(1)</sup> /kaprina <sup>(1)</sup> li:		
<sup>(1)</sup> jew	[II.2.5.1. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> ;]		
<sup>(1)</sup> jew	[II.2.5.1. inżammu matul perjodu stagjonament ħieles mill-vajrus tal-ilsien blu f'żona stagjonament ħielsa;]		
<sup>(1)</sup> jew	[II.2.5.1. inżammu protetti mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> ;]		
<sup>(1)</sup> jew	[II.2.5.1. għaddew minn test seroloġiku biex jiġu identifikati antikorpi għall-grupp tal-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> u b'riżultati negattivi;]		
<sup>(1)</sup> jew	[II.2.5.1. għaddew minn test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri fuq kampjun tad-demem meħrud dakinhar tal-ġbir tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> jew fil-jum tat-tbiċċir u b'riżultati negattivi;]		
II.2.5.2.	fl-aħjar għarfien tiegħi, mhumiex gejġin minn stabbilimenti u ma ġewx f'kontatt ma' annimali ta' stabbiliment fejn, abbażi tas-sistema ta' notifika uffiċjali u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, kwalunkwe waħda mill-mard li gejġin kienet klinikament ikkonfermata fil-perjodi msemmija fil-punti (a) sa (d) qabel il-ġabra tal-ova <sup>(1)</sup> /embrijuni <sup>(1)</sup> għall-esportazzjonied:		
(a)	agalaktja tan-nagħaġ jew tal-mogħoż li tittieħed ( <i>Mycoplasma agalactiae</i> , <i>Mycoplasma capricolum</i> , <i>Mycoplasma mycoides</i> var. <i>mycoides</i> "kolonja kbira"), matul l-aħħar sitt xhur;		
(b)	paratuberkolozi u limfadeniti ġobnija, fi żmien l-aħħar 12-il xahar;		

## PAJJIŻ

## Ova/embrijuni tal-ovini u l-kapri

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	(c)	I-adenomatozi pulmonarja, matul l-aħħar tliet snin;		
( <sup>1</sup> ) jew	[(d)	Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar tliet snin;]		
( <sup>1</sup> ) jew	[(d)	Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fi żmien l-aħħar 12-il xahar, l-annimali infettati kollha nqatlu u l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet mill-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin;]		
	II.2.5.3.	ma wrew ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-jum tal-ġbir tal-ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> );		
( <sup>1</sup> )( <sup>4</sup> ) jew	II.2.5.4.	oginaw mir-reġjun deskritt fil-Kaxxa I.8., li għe rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi ( <i>B. melitensis</i> ) u]		
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.5.4.	jappartjenu lil stabbiliment li kisbet u żammet l-istat tagħha ta' ħielsa mill-bruċellożi ( <i>B. melitensis</i> ) skont id-Direttiva 91/68/KEE, u]		
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.5.4.	oriġinaw minn stabbilimenti, fejn fir-rigward tal-bruċellożi ( <i>B. melitensis</i> ) l-annimali suxsettibbli kollha kienu ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjali ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar, l-ebda annimali ovini u kapri ma tlaqqmu kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma minn tilqima Rev. 1 aktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kapri kollha b'età akbar minn sitt xhur ġew suġġetti għal mill-inqas żewġ testijiet ( <sup>3</sup> ), li saru b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda fil- ..... (data) u fil- ..... (data) b'mill-inqas sitt xhur bejniethom, tal-aħħar tkun fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> ),]		
<i>kif ukoll</i>	ma kinux inżammu preċedentement fi stabbiliment ta' status inferjuri;			
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.5.5.	baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tal-ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> ) għall-esportazzjoni;]		
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.5.5.	matul l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tal-ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> ) dawn issodisfaw il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li japplikaw għad-donaturi tal-ova/embrijuni ( <sup>1</sup> ) maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u ġew importati fil-pajjiż esportatur mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> ) minn ..... ( <sup>2</sup> );]		
	II.2.5.6.	mit-twelid inżammu kontinwament fil-pajjiż fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:		
	II.2.5.6.1.	l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;		
	II.2.5.6.2.	hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ;		
	II.2.5.6.3.	l-annimali ovini u kapri milquta minn scrapie klassika jinqatlu u jinqerdu kompletament;		
	II.2.5.6.4.	l-għalf lill-annimali ovini u kapri ta' laħam u għadam imfarrak jew ta' qrieqeċ li joriġinaw minn ruminanti huwa pprobit u l-projbizzjoni hija infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin;		
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.5.7.	inżammu kontinwament għall-aħħar tliet snin qabel il-ġbir tal-embrijuni għall-esportazzjoni fi stabbiliment jew stabbilimenti li għal tliet snin qabel il-ġbir tal-embrijuni għall-esportazzjoni ssodisfaw l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-Punt 1.3. tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]		
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.5.7.	huma annimali ovini u embrijuni		
( <sup>1</sup> ) jew		[huma ta' ġenotip tal-proteina prijoni ARR/ARR;]		
( <sup>1</sup> ) jew		[għandhom għalinqas allel ARR waħda u nġabru wara l-1 ta' Jannar 2015;]		
	II.2.6.	inġabru ( <sup>1</sup> )/ġew prodotti ( <sup>1</sup> ) fil-pajjiż esportatur,		
( <sup>1</sup> ) jew	II.2.6.1.	li skont is-sejbiet uffiċjali huma ħielsa minn mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD);]		
( <sup>1</sup> )( <sup>5</sup> ) jew	II.2.6.1.	fejn, skont sejbiet uffiċjali, jeżistu s-serotipi li ġejjin minn mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD) : ..... u d-donaturi femminili ta' speċi ovina ( <sup>1</sup> )/kaprina ( <sup>1</sup> ) kienu suġġetti għal riżultati negattivi għal kull każ għat-testijiet mwettqa li ġejjin f'laboratorji approvati:		
( <sup>1</sup> ) jew		[test seroloġiku ( <sup>6</sup> ) biex jiġi identifikat l-antikorp għas-serograpp tal-vajrus tal-EHD, imwettaq fuq kampjuni tad-demmi meħudin f'żewġ okkażjonijiet, mhux aktar minn 12-il xahar qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġabra għal din il-kunsinna ta' ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> );]		
( <sup>1</sup> ) jew		[test seroloġiku ( <sup>6</sup> ) biex jiġi identifikat l-antikorp għas-serograpp tal-vajrus tal-EHD, imwettaq fuq kampjuni tad-demmi meħudin f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum tul il-perjodu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> );]		



## PAJJIŻ

## Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	( <sup>1</sup> ) <i>jew</i> [test għall-identifikazzjoni tal-aġent ( <sup>6</sup> ), imwettaq fuq kampjuni tad-demmm meħuda fil-bidu u t-tmiem ta', u mill-anqas kull sebat ijiem (jekk imwettaq bħala test tal-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum (jekk imwettaq bħala reazzjoni katina tal-polimerażi), tul il-ġbir għal din il-kunsinna ta' ova ( <sup>1</sup> )/embrijuni ( <sup>1</sup> );]			
	II.2.7.		inġabru ( <sup>1</sup> )/ġew prodotti ( <sup>1</sup> ) wara d-data ta' meta t-tim tal-ġbir tal-embrijuni għe approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;	
	II.2.8.		ġew ipproċessati u maħżuna skont kundizzjonijiet approvati għal mill-anqas 30 jum immedjatament wara l-ġbir ( <sup>1</sup> )/produzzjoni ( <sup>1</sup> ) tagħhom u ttrasportati skont kundizzjonijiet għall-ova u l-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;	
	II.2.9.		intbagħtu lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat b'konformità mar-rekwiżiti għat-trasport tal-embrijuni stipulati fil-punt 6 tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.	
	( <sup>1</sup> ) [II.2.10.		il-kunsinna tikkonsisti f'embrijuni tal-ispeċi ovina jew kaprina li tnisslu bl-inseminazzjoni artifiċjali ( <sup>1</sup> )/permezz ta' fertilizzazzjoni <i>in vitro</i> ( <sup>1</sup> ) bl-użu ta' semen li ġeja minn ċentri tal-ġbir tas-semen approvati ( <sup>7</sup> ) skont:	
( <sup>1</sup> ) <i>jew</i>	II.2.10.1.		I-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; u s-semen huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 92/65/KEE.]]	
( <sup>1</sup> ) <i>jew</i>	II.2.10.1.		I-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu f'pajjiż terz jew parti minnu elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE, u s-semen jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.]]	
<b>Noti</b>				
<b>Parti I:</b>				
Kaxxa I.6: <i>Persuna responsabli mit-tagħbija fl-UE:</i> din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu.				
Kaxxa I.11: <i>Il-post tal-oriġini</i> għandu jikkorrispondi għat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim ta' produzzjoni tal-embrijuni approvat li permezz tiegħu l-ova/embrijuni nġabru/ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna; u elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: <a href="http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm</a> .				
Kaxxa I.22: L-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.				
Kaxxa I.23: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.				
Kaxxa I.26: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.				
Kaxxa I.27: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.				
Kaxxa I.28: <i>Speċi:</i> Agħżel fost ' <i>Ovis aries</i> ' jew ' <i>Capra hircus</i> ' kif xieraq.				
<i>Kategorija:</i> speċifika jekk humiex embrijuni derivati <i>in vivo</i> , ova derivati <i>in vivo</i> , embrijuni prodotti <i>in vitro</i> jew embrijuni mikromanipulati.				
<i>L-identità tad-donatur</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.				
<i>Id-data tal-ġbir</i> għandha tiġi indikata għal embrijuni derivati <i>in vivo</i> u f'dan il-format: jj.xx.ssss.				
<i>Id-data tal-iffriżar</i> għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss.				
<i>In-numru tal-approvazzjoni tat-tim:</i> għandu jikkorrispondi għat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim ta' produzzjoni tal-embrijuni approvat li permezz tiegħu l-ova/embrijuni nġabru/ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna; u elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: <a href="http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm</a> .				
<b>Parti II:</b>				
( <sup>1</sup> ) <i>Flassar</i> kif xieraq.				
( <sup>2</sup> ) <i>Pajjiżi terzi</i> biss jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.				

## PAJJIŻ

## Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>(<sup>3</sup>) It-testijiet għandhom isiru b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE.</p> <p>(<sup>4</sup>) Għat-territorju li jidher mal-annotazzjoni "V" biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).</p> <p>(<sup>5</sup>) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat jew parti minnu fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.</p> <p>(<sup>6</sup>) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.3. tal-Manwal tal-OIE dwar it-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.</p> <p>(<sup>7</sup>) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati biss u elenkati b'konformità mal-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajts tal-Kummissjoni:</p> <p><a href="http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm</a>;  <a href="http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm</a>.</p> <p>— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.</p>		
<p>Il-veterinarju uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kbar):</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:"</p> <p>Kwalifika u titolu:</p> <p>Firma:</p>		